# M'hemmx logħob mar-referenda!

## Tnax-il għaqda tas-soċjetà ċivili jingħaqdu ma' BirdLife Malta f'kundanna għat-talba tal-kaċċaturi lill-President biex jabolixxi dan id-dritt taċ-ċittadini bħala theddida għad-demokrazija

Referendum huwa wieħed mill-aktar għodod demokratiċi f'kull pajjiż, inkluż f'Malta, u d-dritt tal-votanti li jitolbu referendum m'għandu jiġi ostakolat bl-ebda forma jew mod.

Min-naħa l-oħra, il-proposta mil-lobby tal-kaċċaturi biex ma jkunx jista' jissejjaħ referendum abrogattiv f'Malta u biex jitnaqqas il-poter tal-votanti li jitolbu li jsir referendum, hija theddida għad-demokrazija u tnaqqar id-drittijiet taċ-ċittadini f'soċjetà demokratika.

Fl-aħħar jiem il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ħabbret li kitbet lill-President ta' Malta, u talbet li jsiru emendi għall-Att dwar ir-Referenda bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika li għaddejja bħalissa dwar ir-riforma tal-Kostituzzjoni. Il-kaċċaturi jridu lill-President jabolixxi d-dritt taċ-ċittadini li jinvokaw referendum taħt l-iskuża li "għandhom jiġu protetti d-drittijiet legali, l-interessi, il-prattiċi, it-tradizzjonijiet u l-privileġġi ta' gruppi f'minoranza" u l-linja tal-ħsieb tagħhom hija instigata minn petizzjoni li kienet tressqet quddiem il-Parlament f'Ġunju 2014, sitt snin ilu, bil-firem ta' 104,000 persuna.

Madanakollu, għall-kuntrarju ta' kull talba oħra, fil-każ ta' referendum il-firem li jinġabru mingħand mill-inqas 10% tal-votanti Maltin jiġu ċċekkjati b'mod rigoruż qabel jiġu aċċettati bħala raġuni valida biex isir referendum. Il-kwistjoni hawnhekk mhijiex biss dwar sezzjoni żgħira tas-soċjetà li tieħu pjaċir toqtol l-għasafar u tonsob għalihom, imma hija wkoll dwar il-kumplament tas-soċjetà li ma tistax tgawdi r-riżorsi naturali tagħha għax dawn qed jiġu abbużati. Pajjiżna għandu bżonn iħares id-dritt demokratiku taċ-ċittadini li jipparteċipaw b'modi differenti fil-proċess leġiżlattiv. Li tillimita wieħed mill-ftit mezzi għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini jkun insult għad-demokrazija, irrispettivament mis-suġġett partikolari li jkun taħt il-lenti.

Fid-dawl ta' dan, qed insejħu lill-President ta' Malta, lill-Prim Ministru u l-Kabinett tal-Ministri tiegħu biex jassiguraw li jżommu intatti l-mekkaniżmi

demokratiċi b'saħħithom li għandu pajjiżna, u jaraw li ma jsir l-ebda logħob mal-liġijiet Maltin biex tiġi aġevolata din it-talba li hija theddida għad-demokrazija.

*It-12-il NGO li qed jappoġġjaw din ir-reazzjoni ta' BirdLife Malta huma*: ***Din l-Art Ħelwa**, **Nature Trust Malta-FEE**, **Moviment Graffitti, Friends of the Earth Malta**, **Futur Ambjent Wieħed, Flimkien għal Ambjent Aħjar (FAA), Isles of the Left, Ramblers' Association of Malta, The Archaeological Society Malta, Wirt Għawdex, Aditus Foundation, Malta LGBTIQ Rights Movement (MGRM).***

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org